KULLEĠĠ SAN NIKOLA
L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA - LIVELL PRIMARJU
Frar 2017

Il-Ħames Sena IL-MALTI Il-Ħin: Siegħa u Kwart
(Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba)

L-isem u l-kunjom: ______________________ Il-klassi: __________

| Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |



**Għall-istudent/a**

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek, kunjomok u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

## IL-FEHIM MILL-QARI

**A.Aqra din l-informazzjoni.**

### Ir-Re Clovis



CLOVIS (465-511)
ROI DES FRANCS DE 481 À 511

Kien l-ewwel Re tal-Franki li rnexxielu jgħaqqad it-tribujiet Franċiżi kollha taħt kmandant wieħed. Huwa ħa t-tron ta' eta` żgħira fis-sena 481, meta kellu biss ħmistax-il sena. Clovis kien iben Childeric u Basina. Martu kien jisimha Clotilde.

Huwa meqjus bħala l-fundatur tad-dinastija Merovinġjana li damet tirrenja xi mitejn sena. Clovis huwa sinifikanti fl-istorja ta' Franza minħabba l-konverżjoni tiegħu għall-Kristjaneżmu fis-sena 496, l-aktar fuq ordni ta' martu.

X'aktarx li r-re Clovis miet fis-27 ta' Novembru 511. Wara mewtu, ir-renju tiegħu nqasam bejn l-erba' subjien li kellu. Dawn kienu Theuderic, Chlodomer, Childebert u Clotaire.

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-informazzjoni li qrajt.**

1. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**. (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Clovis kien l-ewwel Re tal-Franki. | ___________ |
| b. | Clovis laħaq Re meta kellu għoxrin sena. | ___________ |
| ċ. | Martu kien jisimha Clorinda. | ___________ |

2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (✓) fil-kaxxa.

(2 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Clovis kien iben | Childeric u Clotilde. | |
| | | Childeric u Basina. | |
| | | Theuderic u Basina. | |
| b. | Laħaq Re | fis-sena 496. | |
| | | fis-sena 481. | |
| | | fis-sena 508. | |

3. Imla l-vojt b'kelma li toqgħod. (3 marki)

a. Ir-Re Clovis huwa l- _________________ tad-dinastija Meroviġjana.

b. Clovis x'aktarx li miet fis-sena _________________.

ċ. Wara l-mewt ta' Clovis, bdew jikkmandaw l-_________________ subien tiegħu.

4. Taqbel li r-re jibda jikkmanda ta' ħmistax–il sena? Għalfejn? (2 marki)

___________________________________________________________

___________________________________________________________

B. Aqra l-istorja **Xita ta' Ward**



Raġel ta' setgħa kbira li kien jismu Clovis, kien imsemmi għall-qalb ħażina tiegħu. Kien wieħed mill-kbarat tal-pajjiż. Spiss kien **iqajjem** gwerer, jaħtaf ħafna nies u jeħodhom f'ħabs mudlam. *(par. 1)*

Martu, li kienet mara ta' qalb tajba u qaddisa, kienet tħoss ħafna għal dawk li kienu fil-ħabs bla ħtija, isofru minħabba r-raġel tagħha. Kienet taf li żewġha kien **ta ordni** biex lill-ħabsin ma jagħtuhomx ikel u jħalluhom hemm imutu bil-ġuħ. *(par. 2)*

Lejla waħda, ġabret ftit ħobż, laħam u xi ħaġa oħra tal-ikel u marret **inkiss inkiss** f'dak il-ħabs mudlam. Meta daħlet għalqet il-bieb u bdiet tqassmilhom l-ikel. Ma kinitx ilha wisq hemm li ma semgħetx taħbita kbira fuq il-bieb. Lil żewġha xi ħadd kien qallu li martu marret għand il-ħabsin b'xi ikel. Ir-raġel mar b'rabja kbira għaliha biex jikkastigaha. *(par. 3)*

B'saħħa kbira fetaħ il-bieb tal-ħabs u waqaf quddiemha rrabjat, "Għaliex inti marti qed tikser l-ordnijiet tiegħi? Ma tafx li ma rrid lil ħadd jersaq 'l hawn! Dawn il-ħabsin huma tiegħi u jien nagħmel bihom li rrid," beda jwerżaq bir-rabja Clovis. *(par. 4)*



Martu bdiet tirtogħod bil-biża' u żewġha nduna li kienet qed tipprova taħbi xi ħaġa minnu. Mar wiċċ imb'wiċċ magħha u b'herra kbira qalilha: "X'għandek moħbi f'dak il-mantell? Urini malajr." Hu seta' jaħseb x'kellha moħbi fil-mantell. *(par. 5)*

L-imsejkna martu tant beżgħet li ma felħitx lanqas tobdi l-ordnijiet tiegħu u m'uritux x'kellha. Clovis ħaseb li martu ma riditx tobdih u mar b'saħna, ħatfilha l-mantell u neżżagħulha minn fuqha. *(par. 6)*

Il-ħabsin li kienu qed jaraw kollox u mgeddsin f'rokna mwerwra tħassruha mhux ftit lil Clotilde. Bdew jibżgħu li r-raġel kien se jikkastigaha minħabba fihom. Għalhekk kienu se jinżlu kollha għarkobbtejhom biex jitolbu lil Clovis ikollu ħniena minn martu u ma jikkastigahiex. *(par. 7)*



F'daqqa waħda imma, ġrat ħaġa stramba. Hekk kif Clovis ħataf il-mantell ta' martu u kulħadd stenna li jara l-ikel jinxtered mal-art, b'għaġeb kbir tagħhom minflok ikel raw ħiereġ mill-mantell xita ta' ward li għattiet l-art tal-ħabs. *(par. 8)*

It-twajba mara u dawk li kienu fil-ħabs ma setgħux jemmnu lil għajnejhom. Ilkoll kemm huma ħadu r-ruħ hekk kif indunaw li kienu ħelsu mill-qilla ta' dak ir-raġel aħrax. *(par. 9 )*

Clovis, miblugħ b'li kien ġara, telaq minn ħdejha bla kliem. *(par. 10)*

* * *

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb pulit u tajjeb. (Jingħataw 3 marki żejda għal kitba tajba.)**

1. Aqta' sing taħt it-tajba: (2 marki)

a. Clovis kien imsemmi għall-( qalb ħażina, qalb tajba, qalb marida ) li kellu.

b. Lill-ħabsin kien iżommhom ( f'ħabs imdawwal, f'ħabs mudlam, f'palazz ).

2. X' kienet l-ordni li ta Clovis dwar il-ħabsin?

(2 marki)

__________________________________________________

__________________________________________________

3. Semmi żewġ affarijiet li ħadet fil-ħabs il-mara ta' Clovis. (2 marki)

a. ______________________________________________

b. ______________________________________________

4. Għalfejn beżgħu l-ħabsin xħin raw lil Clovis irrabjat? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

5. X' kienet ir-reazzjoni ta' Clovis xħin ra l-ward ħiereġ mill-mantell? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

6. Spjega fi kliemek xi jfissru dawn il-kelmiet skont is-silta: (3 marki)

a. iqajjem *(par. 1)* ______________________

b. ta ordni *(par. 2)* ______________________

ċ. inkiss inkiss *(par. 3)* ______________________

7. Kieku kont minflok il-mara ta' Clovis kont tibża'? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

8. X'taħseb li ġara minn dawk il-ħabsin wara li telaq Clovis? Għalfejn taħseb hekk? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

**IL-KITBA**

**A. IL-GRAMMATIKA U L-ORTOGRAFIJA** **(10 marki)**

1. **Aqra din l-istorja qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

In-nannu Marjo ħareġ fil-ġnien tiegħu eċitat b'kaxxa li qatt ma kont rajt qabel. Kienet kaxxa misterjuża. Kellha lewn dehbi u fid-dawl tax-xemx għammxitli għajnejja. Kienet imżejna b'ħafna djamanti kkuluriti. Fil-ġnien kien hemm mużika ħelwa li kienet ġejja qisha mis-sema. Iċ-ċavetta tal-kaxxa ma kinitx hemm. F'daqqa waħda waqgħet ċavetta fuq rasi, ftaħt il-kaxxa u ħarġet fatatina żgħira.

| | | |
|---|---|---|
| a. | Mill-istorja sib u ikteb **nom Proprju.** | ____________________ |
| b. | Mill-istorja sib u ikteb **nom fil-femminil.** | ____________________ |
| ċ. | Mill-istorja sib u ikteb **aġġettiv fil-plural.** | ____________________ |
| d. | Fl-istorja nsibu l-verb **rajt**. Poġġi dan il-**verb fil-preżent**. | ____________________ |
| e. | Oħroġ **nom** mill-verb **waqgħet**. | ____________________ |
| f. | Ikteb il-**komparattiv** mill-kelma **żgħira**. | ____________________ |
| ġ. | Fl-istorja nsibu l-verb **ħareġ**. Ikteb l-**għerq ta' dan il-verb**. | ____________________ |
| g. | Ikteb **l-imperattiv singular** tal-verb **ftaħt.** | ____________________ |
| għ. | Mill-istorja sib u ikteb **nom fil-plural.** | ____________________ |
| h. | Fl-istorja nsibu l-verb **kien.** Ikteb **in-negattiv ta' dan il-verb.** | ____________________ |

**B. FORMOLA B' INFORMAZZJONI PERSONALI** **(3 marki)**

Il-Kulleġġ San Nikola ħareġ is-sejħa għal studenti li jixtiequ jieħdu sehem f' attivita' teatrali li se tittella' fi żmien il-Karnival. Imla din il-formula b'informazzjoni personali sabiex tkun tista' tieħu sehem f'din l-attivita`.

## ATTIVITA` TEATRALI – KARNIVAL 2017

Isem u Kunjom: ______________________________



Eta`: ____________________

Indirizz: ________________________________________

________________________________________

________________________________________

Isem tal-iskola: __________________________________

Għalfejn taħseb li għandek tintgħażel għal din l-attivita' teatrali?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## Ċ. IL-KITBA TA' STORJA

**Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u kompliha. Ikteb bejn 100 u 150 kelma.**

| | |
|---|---|
|  | **1. Xtrajt lapes maġiku**<br><br>Mort għand tal-ħanut biex nixtri lapes. Rajt wieħed veru sabiħ u għazilt lilu. Xħin wasalt id-dar ħriġtu mill-borża iżda kif missejtu ...............<br><br>*Kif kien dan il-lapes? Kif indunajt li kien maġiku? X' tip ta' maġija għamilt bih? Għidt lil xi ħadd dwaru?* |

**JEW**

| | |
|---|---|
|  | **2. Iċ-Ċavetta Misterjuża**<br><br>Kont fil-kantina tan-nanna nqalleb fost l-affarijiet xħin minn taħt il-għajn ilmaħt xi ħaġa tleqq. Ersaqt viċin u rajt ċavetta antika.........<br><br>*Kif kienet iċ-ċavetta? Qablet ma' xi toqba? X'kellha misterjuż jew stramb? X'għamilt biha?* |

Ċ. 1  Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.

(2 marki)

Storja ________ (Ikteb 1 *jew* 2)

Ċ. 2 Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt. (15-il marka)

L-istorja għandha tkun bejn 100 u 150 KELMA. Aqsam il-kitba tiegħek f'PARAGRAFI. Ikteb sabiħ u tajjeb.

TMIEM IL-KARTA